**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Marzu 2017**

**Kawza Nru. 9
Rik. Nru. 941/14 JZM**

**B.C. Investments Limited
(C 8063)**

***kontra***

**Bag Investments Co. Ltd (C 14189),
Yan Company Limited (C 11586) *u*
T & L Holdings Limited (C 8054)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta` Ottubru 2014 li jaqra :–

*Illi s-socjeta` rikorrenti B.C. Investments Limited ("BCL") flimkien mal-intimati Bag Investments Co. Ltd ("BICL"), Yan Company Limited ("YCL") u Therese Busuttil ("TB") huma lkoll azzjonisti fis-socjeta` T&L Holdings Limited ("T&L") b`dan illi BCL, BICL u YCL ghandhom kull wiehed hames mitt sehem ordinarju A u elf sehem ordinarju B, tal-valur ta` €2.329373 kull sehem filwaqt li*

*Therese Busuttil ghandha elf u hames mitt sehem ordinarju A tal-valur ta` € 2.329373 kull sehem izda minghajr dritt ta` vot.*

*Illi T&L twaqqfet sabiex izzomm f`isimha l-ishma li kienu originarjament jappartjenu lil Louis Busuttil, wiehed mill-ahwa fundaturi tal-kumpannija Francis Busuttil & Sons Limited ("FBS") u li presenzjalment ghandha f`isimha ghoxrin fil-mija (20%) tal-kapital ta` FBS; FBS illum taqdi l-funzjoni ta` holding company li tramite diversi sussidjarji ohra tikkontrolla n-negozju tal-familja Busuttil, negozju li jinkludi kumpanniji maghrufa bhala Foster Clarke Products Limited.*

*Illi n-negozju tal-familja Busuttil tramite d-diversi kumpanniji nvoluti huwa wiehed sostanzjali kemm lokalment u kemm barra minn Malta. Bizzejjed jinghad illi ghas-sena finanzjarja li ghalqet f`Dicembru tal-2013, kien hemm turnover globali tal-FBS Group ta` Euro 93.9 miljun u FBS qassmet dividend ta` Euro 6.2 miljun ghas-sena 2013 u gja` qassmet interim dividend ta` € 7 miljun ghas-sena 2014 b`dan illi ghoxrin fil-mija (20%) mill-imsemmi dividend jigi percepit minn T&L.*

*Illi fil-15 ta` Settembru 2014 gie prezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti rikors fl-ismijiet "Joseph Busuttil pro et noe - vs - Suzanne Busuttil et (Rikors Numru 802/2014 JZM) u li gie appuntat ghas-smigh ghall-10 ta` Novembru 2014, f`liema proceduri r-rikorrenti hemm indikati u li huma lkoll azzjonisti fil-kumpannija FBS u li bejniethom ghandhom sittin fil-mija (60%) tal-ishma fil-kaz ta` FBS u sitta u sittin punt sitta fil-mija (66.6%) tal-ishma f`B&S Contractors Limited (B&S) qeghdin jitolbu a tenur tal-artiklu 403 (3)(d) u (f) tal-Kap. 386 li l-Qorti tordna x-xiri tal-ishma kollha appartenenti lill-intimati ndikati f`dawk il-proceduri u cioe` Suzanne Busuttil, Brian Busuttil u Stealth Holdings Limited fil-kumpannija FBS u li flimkien bejniethom ghandhom ghoxrin fil-mija tal-ishma (20%).*

*Illi qabel ma giet intavolata l-imsemmija kawza, il-kumpannija T&L bhala azzjonista ta` FBS giet ukoll avvicinata mill-azzjonisti l-ohra ta` FBS u dan sabiex T&L tippartecipa fil-proceduri maghhom u li kif gie spjegat kienu ntizi esklussivament sabiex l-ishma appartenenti lil Suzanne Busuttil u huha Brian Busuttil u Stealth Holdings Limited jigu trasferiti lilhom minhabba diversi lanjanzi dwar agir oppressiv u abbuziv kif kontemplat fl-artiklu 402 tal-Kap.386.*

*Illi jirrizulta illi minkejja li T&L nghatat l-opportunita` sabiex tippartecipa fl-imsemmija kawza qabel ma giet formalment istitwita, T&L baqghet passiva ghal kollox bir-rizultat illi T&L mhijiex inkluza bhala wahda mir-rikorrenti azzjonisti fl-imsemmija proceduri.*

*Illi matul laqgha tal-bord tad-diretturi ta` T&L fit-23 ta` Settembru 2014, il-bord ta` T&L gie mgharraf illi fil-11 ta` Settembru 2014 kien gie avvicinat Jean Busuttil, wiehed mid-diretturi ta` T&L, minn familjari ohra li huma azzjonisti ta` FBS u saret stedina sabiex T&L tippartecipa maghhom fil-kawza li kienet intiza li tinfetah ghall-iskop hawn fuq spjegat.*

*Illi kif jirrizulta mill-minuti tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi mizmuma fit-23 ta` Settembru 2014, huwa car illi kien hemm rezistenza qawwija sabiex T&L ma tippartecipax fl-imsemmija kawza mid-diretturi Jean Paul Busuttil u Louiana Busuttil li rispettivament ghandhom l-ishma fil-kumpanniji ntimati BICL u YCL u ghalhekk ghandhom il-maggoranza fil-livell tal-bord tad-diretturi.*

*Illi dan l-agir u nuqqas ikkrea pregudizzju serju u rrimedjabbli ghal T&L ghar-raguni ovvja illi f`kaz ta` ezitu favorevoli ghal dawk ir-rikorrenti li stitwew il-proceduri hawn fuq indikati permezz tar-rikors numru 802/2014 JZM, il-konsegwenza logika ser twassal ghal kambjament sostanzjali fl-istruttura socjetarja ta` FBS bil-konsegwenza ovvja illi s-socjeta` T&L sejra tigi mcahhda mill-opportunita` li zzid proporzjonalment is-sehem taghha fil-kumpannija FBS, haga li fiha nfisha ser tirreka danni ngenti u telf potenzjali sostanzjali kemm lil T&L u finalment anke lill-azzjonisti fl-istess kumpannija.*

*Illi ndipendentement mill-premess, dan l-ahhar graw diversi affarijiet fit-tmexxija ta` T&L li juru bic-car illi l-istess T&L qed titmexxa b`mod illi qed issir hsara kemm lill-interessi tas-socjeta` rikorrenti kif ukoll ta` hsara ghas-socjeta` T&L infisha kif jigi pruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kaz.*

*Illi a bazi tal-premess huwa evidenti li l-affarijiet tal-kumpannija T&L qed jitmexxew b`mod irresponsabbli, oppressiv, mhux gust, diskriminatorju u bi pregudizzju kemm ghall-interessi tal-azzjonisti in generali kif ukoll ghall-interess ta` T&L.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, is-socjeta` rikorrenti titlob l-intervent ta` dina l-Onorabbli Qorti sabiex taghti dawk id-direttivi u ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz, kemm fl-interess ta` T&L Holdings Limited kif ukoll fl-interess tal-azzjonisti taghha u dan kif previst fl-artikolu 402 et seq tal-Kap.386, sabiex l-interessi tal-istess T&L Holdings Limited u tal-azzjonisti taghha ma jigux serjament u rreversibbilment pregudikati u dan taht kull provvediment li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta ta` Bag Investments Co. Ltd. u Yan Company Limited li kienet prezentata fil-5 ta` Dicembru 2014 li taqra hekk :–

***Preliminarjament***

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti B.C. Investments Limited qed tillamenta dwar it-tmexxija tas-socjeta` T&L Holdings Limited.*

*Illi r-rikors promotur jillamenta dwar :*

*(i) Dak li gara waqt laqgha tal-Bord tad-diretturi fit-23 ta` Settembru 2014, meta l-maggoranza fil-Bord tad-diretturi allegatament ma kinux disposti li jsiehbu lil T&L Holdings Limited (iktar `l quddiem "**T&L**") f`proceduri li l-maggoranza tal-azzjonisti fi Francis Busuttil & Sons Limited (iktar `l quddiem "**FBS**") riedu jiehdu kontra Suzanne Busuttil u Brian Busuttil pro et nomine.*

*(ii) L-allegat fatt illi "dan l-ahhar graw diversi affarijiet fit-tmexxija ta` T&L li juru bic-car illi l-istess T&L qed titmexxa b`mod illi qed issir hsara kemm lill-interessi tas-socjeta` rikorrenti kif ukoll ta` hsara ghas-socjeta` T&L innifisha";*

*(iii) Il-fatt li allegatament "l-affarijiet tal-kumpannija T&L qed jitmexxew b`mod irresponsabbli, oppressiv, mhux gust, diskriminatorju u bi pregudizzju…"*

*Illi b`hekk ir-rikors promotur qed jillamenta biss dwar it-tmexxija mid-diretturi tas-socjeta` T&L.*

*Illi nonostante dan, bhala intimati f`dan ir-rikors ma nsibux id-diretturi tas-socjeta` T&L, izda nsibu lis-socjetajiet azzjonisti fl-istess socjeta`.*

*Illi s-socjetajiet azzjonisti mhux involuti fit-tmexxija tas-socjeta` u m`ghandhom x`jaqsmu xejn ma` dak li jigi deciz fil-Bord tad-diretturi, u kwindi anke ghal din ir-raguni biss ir-rikors promotur ghandu jigi michud bl-ispejjez.*

***Fil-Mertu***

*2. Illi fil-mertu, fl-ewwel lok jigi rilevat illi d-diretturi li huma appuntati mill-intimati Bag Investments Co. Ltd (C14189) u Yan Company Limited (C11586), ma kienux involuti fid-diskussjonijiet mal-azzjonisti l-ohra ta`*

*FBS sabiex japprezzaw sew x`kienet il-kawza li kienet qed tigi proposta kontra Suzanne Busuttil et. Kien biss Franco Busuttil (wiehed mid-diretturi ta` T&L li hadha for granted li dak li jiddeciedi hu kellu jorbot lil T&L. Fil-fatt il-kawza giet prezentata fil-15 ta` Settembru 2014, mentri l-laqgha tal-Bord tad-diretturi ta` T&L li ddiskutiet l-involviment fil-kawza saret fit-23 ta` Settembru 2014-wara li l-kawza gja` kienet ipprezentata !*

*3. Illi fit-tieni lok, id-diretturi li huma appuntati mill-intimati Bag Investments Co. Ltd (C14189) u Yan Company Limited (C11586), ben konxji tal-fatt li FBS hija socjeta` li tappartjeni lill-familja Busuttil, ma jaqblux illi l-affarijiet familjari jispiccaw il-Qorti. B`hekk huma jhossu li iktar ma jkun hemm kawzi l-Qorti jinvolvu s-socjeta` FBS, inqas hemm possibilita` li l-affarijiet jitrangaw. L-intimati jhossu li l-interessi ta` T&L ser jigu ppregudikati jekk T&L fil-fatt tippartecipa f`din il-litigazzjoni (Rikors Numru 802/2014 JZM).;*

*4. Illi fit-tielet lok, bin-nuqqas ta` partecipazzjoni taghha fil-kawza Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et (Rikors Numru 802/2014 JZM), is-socjeta` T&L qatt ma tista` tigi ppregudikata. Din il-kawza qed titlob li l-azzjonisti maggoritarji jixtru l-20% ishma li ghandhom Suzanne Busuttil et fis-socjeta` Francis Busuttil & Sons Limited, cioe` ir-rimedju fl-artikolu 402(3)(d). Ir-rimedju kontemplat fl-artikolu 402(3) (d) huwa:*

> *Jipprovdi ghax-xiri tal-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghat-tnaqqis li jkun mehtieg fil-apital azzjonarju mahrug tal-kumpannija ;*
>
> *Illi dan ifisser li f`kaz ta` success :*
>
> *(a) jew l-ishma tal-intimati f`dik il-procedura jigu mixtrija mis-socjeta` Francis Busuttil & Sons Limited, f`liema eventwalita` ma jkun hemm ebda effett fuq is-socjeta` T&L ; jew*
>
> *(b) L-ishma jigu mixtrija mill-membri –ohra tas-socjeta`.*

*Illi f`din it-tieni possibilita` iridu bilfors japplikaw l-articles of association tas-socjeta` Francis Busuttil & Sons Limited li jipprovdu b`mod car illi jekk jigu biex jigu trasferiti ishma fi hdan is-socjeta` hemm pre-emption rights favur l-azzjonisti l-ohra (inkluz naturalment T&L), u kwindi anke f`din it-tieni eventwalita` T&L qatt ma tista` tigi ppregudikata.*

*5. Illi fir-raba` lok, id-diretturi li huma appuntati mill-intimati Bag Investments Co. Ltd (C14189) u Yan Company Limited (C11586), u l-istess socjetajiet intimati f`din il-kawza, jhossu li s-socjeta` T&L tista` tigi fil-fatt*

*ippregudikata jekk tippartecipa fil-kawza Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et (Rikors Numru 802/2014 JZM). Dan qed jinghad minhabba zewg ragunijiet:*

*(a) L-istatut ta` Francis Busuttil & Sons Limited huwa bbazat fuq il-fatt illi l-kumpannija hija komposta minn hames branki tal-familja, li kull branka ghandha 20% tal-ishma. Id-diversi thresholds fl-istatut huma bbazati fuq dan il-fatt, u jekk ser jigi ddisturbat dan il-fatt dawn it-thresholds mhux ser jaghmlu sens. Ma saret ebda talba ghall-bdil fl-istatut fir-rikors promotur.*

*(b) Barra minn hekk, l-esponenti jhossu li l-kawza Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et (Rikors Numru 802/2014 JZM) tista` tohloq precedent ikrah li ghada pitghada jista` jintuza kontra l-istess T&L, jekk din ma taqbilx mal-maggoranza.*

*6. Illi fl-ahhar lok, is-socjeta` T&L ma hijiex fi qbil mas-socjeta` Francis Busuttil & Sons Limited, peress illi s-socjeta` T&L ma tridx li hija tigi rapprezentata minn Franco Busuttil fuq il-bord ta` Francis Busuttil & Sons Limited, mentri Francis Busuttil & Sons Limited qed tinsisti li hija l-maggoranza tal-azzjonisti fi hdan Francis Busuttil & Sons Limited li tiddeciedi min ser ikunu d-diretturi taghha. T&L ma taqbilx ma` dan u tinsisti li kull branka tal-familja kellha tappunta d-direttur li jirraprezentaha. F`dawn ic-cirkostanzi, l-intimati jhossu li Franco Busuttil, li huwa l-beneficial owner tas-socjeta` rikorrenti B.C. Investments Limited, ma kellu ebda dritt li jpoggi fuq il-bord tad-diretturi ta` Francis Busuttil & Sons u jiddelibera fuq l-istess Bord. L-azzjonisti li pproponew il-kawza Joseph Busuttil pro et noe vs Suzanne Busuttil et (Rikors Numru 802/2014 JZM) iridu qabel xejn jirrikonoxxu li T&L ghandha d-dritt li taghzel hi min ser ikun id-direttur minnha appuntat fuq il-Board ta` Francis Busuttil & Sons Limited.*

*Illi in vista tas-suespost, ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta ta` T&L Holdings Limited li kienet prezentata fil-5 ta` Dicembru 2014 li taqra hekk :–

*Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi rigettata bhala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew korrettement, ragjonevolment, skont il-ligi u fl-interess tal-istess kumpannija u tal-azzjonisti taghha. Ma hemmx il-htiega ta` u lanqas l-estremi ghall-intervent tal-Qorti skont l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Ghandu jkun car li l-esponenti ser tiehu l-passi kollha mehtiega biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha fil-Grupp.*

*Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar illi saru fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2016.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment finali ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>Franco Busuttil</u>** xehed illi kien ilu nvolut fin-negozju ta` Francis Busuttil and Sons Limited ("**<u>FBS</u>**") ghal 35 sena.

Xehed illi huwa kien beda bhala *salesperson* fl-*administration* u imbaghad sar *general manager* u eventwalment sar *managing director*.

Missieru Louis Busuttil kien holoq T & L Holdings Limited ("**<u>T&L</u>**") fejn qieghed l-ishma li kellu f`ismu. Ix-xewqa tieghu kienet li t-tliet uliedu jibqghu maghqudin u jigbdu l-istess habel.

L-azzjonisti ta` T&L kienu missieru, hu u ommu. In segwitu l-ishma daru fuq it-tliet ulied bl-istess ammont ta` ishma kull wiehed. Infatti kien hemm klawsoli fil-*memorandum* u l-*articles of association* lfejn mal-mewt ta` missierhom l-ishma marru mill-ewwel fuq it-tliet ulied.

Kompla jixhed illi wara l-mewt ta` missieru, Av. J J Vella – company secretary – ta` FBS kiteb lil T&L sabiex tinnomina persuna halli tkun fuq il-bord ta` FBS. L-ghazla ta` T&L kienet illi jkun nominat hu. In-nomina tieghu kellha tkun approvata mill-azzjonisti ta` FBS. Fil-fatt l-azzjonisti approvaw il-hatra tieghu bhala direttur.

Stqarr illi kienu jsiru laqghat darba fis-sena fejn kienu jigu prezentati l-accounts.

Dwar Medina Food Manufacturing Limited, xehed illi huwa kien il-*promoter* taghha waqt illi huh Jean Paul kien il-*general manager*. Billi tilfet ammont sostanzjali ta` flus, il-kumpannija waqfet topera. Jean Paul iddecieda li mhux ha jidhol ghax-xoghol u reha kollox. Huwa kien kostrett jirrikorri ghand hbieb tieghu, izda wkoll kompetituri taghhom, ossija l-ahwa Muscat tal-Prime, biex sar ftehim halli jixtru l-*istock* u taghlaq il-kumpannija. Jean Paul spicca jinnegozja ma` kumpannija bl-isem ta` Foodhouse li kienet kompetitur ta` Medina Food Manufacturing Limited. Jean Paul wahhal fih ingustament ghaliex spicca bla xoghol.

Kompla jghid illi Jean Paul kien anke beda javvicina impjegati ta` FBS u l-familjari hadd ma kien qed jiehu gost. Meta miet iz-ziju Charles, il-kugini taghhom Suzanne u Brian Busuttil bdew jaghmlu hafna akkuzi kontra tieghu illi kien qed jisraq u jmexxi hazin. Suzanne kienet ghall-ewwel accettat li hu jkun *Chairman* izda mbaghad x`hin wera li jaqbel li ssir l-ikla tal-Milied, Suzanne irtirat l-approvazzjoni taghha.

Sostna li l-pagi ma kinux jirriflettu r-responsabilitajiet u l-intrigu li kellhom certa pozizzjonijiet. Qabel kien hemm il-mentalita` li dan jigi kkumpensat b` xogholijiet li jsiru mill-kumpannija fis-sens li jekk ikun hemm bzonn ta` xi haga tisserva bir-rizorsi tal-kumpannija izda dan kienet drawwa li kellha tinqata`, u ghalhekk kien hemm bzonn li jkunu aggustati l-pagi. Meta saret revizjoni tal-pagi, min ma kienx involut fin-negozju u r-responsabilitajiet ta` mieghu, lmenta li din ir-revizjoni kienet eccessiva.

Kompla jghid li ohtu Louiana kienet issimpatizzat ma` Jean Paul u zammet mieghu.

Huwa spjega li beda jhossu li qed jigi mgebbed minn kullimkien peress li hutu bhal donnhom riedu li hu jiehu l-istess posizzjoni ta` Suzanne mentri huwa xtaq li jressaq lil kulhadd biex ikunu maghquda. Kien ghalhekk li huwa iddecieda illi jirrizenja minn *Chairman* tal-grupp. Wara riflessjoni, ma rrizenjax izda hutu bdew jinterpretaw dak ir-ripensament ghaliex huwa kien talab li ghal certu ammonti zghar, ma jkunx mehtieg il-firem kollha. Hutu bdew imexxu l-kelma li huwa kien ser jirrizenja meta dan ma kienx minnu. Iddeskriva wkoll incident fejn hutu wahhlu fih ghaliex in-neputija tieghu, u cioe` t-tifla ta` ohtu, tkecciet mill-impieg. Hutu bdew jimlew l-imhuh ta` uhud mill-familja li kien qed ikun hemm it-tahwid.

Kompla jixhed illi Jean Paul kien avvicinat biex issir kawza kontra Suzanne, u kien importanti li jkun hemm l-ghaqda u l-appogg ta` kulhadd bhala turija ta` fiducja fil-grupp. Ingabu hafna skuzi u T & L spiccat ma ppartecipatx fil-kawza bir-riskju illi ma tkunx tista` tippartecipa fis-sehem jekk il-kawza tkun deciza kontra Suzanne.

Ikkonferma li kien hemm laqghat li sejhu hutu u li ghalihom ma kienx attenda.

Qal illi huwa sar jaf minn diretturi ohra illi T & L kienet baghtet ittra fejn intalab sabiex hu jibqax jirraprezenta lil T & L.

Xehed illi fil-mori tal-kawza huwa kien irrizenja mill-bord tad-diretturi ta` Foster Clark Products Limited u minn *Managing Director* ta` Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited.

Spjega li huwa kien ghadu azzjonista minoritarju ta` T & L u spicca li ma jista` jaghmel xejn.

Illum-il gurnata z-zewg hutu huma kontra tieghu.

Qal li huwa tilef kull interess li jibqa` jahdem fl-*operating companies* anke minhabba ragunijiet ta` sahha. Baqa` direttur tal-*holding company* bl-opposizzjoni ta` hutu. Fil-fatt hutu hadu passi biex hu jitnehha minn direttur tal-*holding company* izda l-azzjonisti rrifjutaw li jitnehha.

Stqarr illi huwa mexxa bil-kawza tal-lum peress li jixtieq li ssir divizjoni fis-sens li jew hutu jixtru s-sehem tieghu jew jixtrihom hu.

Jekk hadd ma ghandu biex jixtri lill-iehor, allura jkun hemm qasma u l-ishma spettanti lilu go FBS isiru jew f`ismu personali jew fl-isem ta` kumpannija tieghu kif huwa l-kaz ta` azzjonisti ohra ta` FBS.

Sahaq illi m`ghandux kollox jibqa` jiddependi minn T & L.

Din ghandha jew tispicca jew huwa jiehu s-sehem tieghu.

Fil-**kontroezami,** xehed illi huwa kien qed jilmenta illi ma kienx moghti preavviz xieraq ghal xi laqgha li kienet giet imsejha fi hdan T & L.

Qal illi kien jaf meta kienet ser issir il-laqgha tal-azzjonisti fl-istess zmien meta saru jafu s-*shareholders* l-ohra.

Spjega li huwa kien oggezzjona ma` FBS kif kienet issejhet laqgha u li ma nghatax preavviz xieraq u lanqas intbaghtu kopji tal-*accounts* ta` FBS.

Ikkonferma li ghar-rigward tal-kawza kontra Suzanne Busuttil, kien saret laqgha ta` T & L u kien deciz li T & L ma tippartecipax. Huwa kien kontra dik id-decizjoni, waqt li z-zewg hutu ma riedux jinvolvu ruhhom.

Xehed illi fil-kawza tal-lum, l-ilment principali tieghu huwa li hutu ma accettawx li jinghaqdu ma` l-azzjonisti l-ohrajn ta` FBS fil-kawza li saret kontra Suzanne Busuttil. Anke jekk T & L issir parti, huwa xorta jibqa` jkollu interess ikompli bil-kawza tal-lum, peress li s-sitwazzjoni ma` hutu saret insostenibbli.

Ikkonferma illi qabel Jean Paul kien involut fil-kumpannija Medina, huwa kien ghamel zmien jahdem bhala salesperson fi hdan FBS ; izda ma kellux posizzjoni manigerjali, u lanqas esperjenza manigerjali.

Qal illi kienu saru laqghat ma` hutu fi T&L biex isir abbozz ta` *memorandum* u *articles of association* godda ghal FBS. Bejniethom qablu li kellhom isiru xi emendi. Min-naha tieghu, ried bdil minimu u xejn drastiku. Kien ghamel dan car ma` hutu izda hutu ma qablux mieghu ghaliex ried kambjament drastici.

Stqarr illi d-diretturi l-ohra kienu ilhom decizi biex iwaqqfu lil Medina milli tkompli tinnegozja izda huwa kien irrezista ghal dan. Minkejja li kienet qed taghmel it-telf, huwa baqa` jiggieled biex tibqa` topera. Meta Jean Paul iddecieda li jitlaq, huwa ghamel arrangamenti ma` Prime biex issir speci ta` *joint venture* mal-familja Muscat. Cahad illi kien hemm diskussjonijiet biex Jean Paul jiehu Medina. Cahad ukoll illi Jean Paul kien ha ghalih bil-*joint venture* ma` Muscat.

Dwar in-nies illi Jean Paul ha minghand FBS, huwa semma nies bhala Amadeo Abela, Joe Mizzi u Gerard Borg Mizzi. Dawn kienu persuni b`inkariki ta` *middle management*. Medina ghadha tezisti sal-lum ghalkemm kien hemm

bdil fl-*articles of association*. Ma setghetx tieqaf ghaliex kellha assi konsistenti minn mijiet ta` eluf ta` ewro fi stokk.

Kompla jixhed illi huwa trasferixxa 2000 sehem li kellhom fil-kumpannija B & S Contractors Limited lil ohtu skont ix-xewqa ta` missieru.

Qal illi ma jiftakarx li nghata preavviz ragonevoli ghal-laqgha li ssejhet fis-26 ta` Mejju 2015. Kien hemm okkazjonijiet fejn hu u hutu kienu jiftehmu li ssir laqgha mil-lum ghal ghada. Meta ffirma l-*financial statements* ta` FBS fl-24 ta` Mejju 2015, huwa ghamel hekk bhala direttur ta` FBS ; ghalhekk ma kienx obbligat ilaqqa` l-bord tad-diretturi ta` T & L.

Qal illi ma kellux x` jiddiskuti hi hdan T & L anke meta kien hemm affarijiet serji ghaddejjin fosthom meta Suzanne ddecidiet li taghmel rapport lid-Dipartiment tat-Taxxi. Jean Paul kien qed ikellem mad-diretturi ta` FBS minn wara dahru ; ghalhekk huwa ma hassux obbligat jiddiskutu ma` hutu. Beda jhoss illi ma kienx ghadu jirraprezenta lil T & L, meta hutu bdew jiktbu ittri minn wara dahru. Meta kien obbligat, huwa dejjem irrapporta dak li qed jigri lil T & L.

Kompla jixhed illi fis-sena 1987/1988, huwa waqqaf kumpannija bl-isem ta` Globe Imports Limited. Il-kumpannija kienet titmexxa minn Joe Vella. Wara li dan miet, il-kumpannija kienet titmexxa mill-mara tieghu. Fis-snin 2002 /2003 il-prodotti ta` Globe Imports Limited gew assorbiti u bdew jinhadmu minn FBS minghajr hlas. Snin wara, il-prodotti ta` Globe Imports Limited regghu inhargu minn FBS u ghaddihom lil Alexis Sciberras is-siehba tieghu barra FBS minghajr hlas. Sar hekk ghaliex ma kienx hemm interess min-naha ta` FBS li ma riditx ix-xoghol ; ghalhekk huwa ma naqqar xejn min-negozju ta` FBS.

Xehed illi ibnu Francesco ghandu negozju ta` *frozen foods*. Il-prodotti li jbiegh ibnu kienu jaghmlu parti mill-*frozen foods division* ta` FBS. Ibnu ghandu divizjoni ohra relatata ma` ikel ta` l-annimali, u li kienet originarjament prodott mibjugh minn Globe Imports Limited. Hadd mill-familja Busuttil ma lmenta dwar in-negozju ta` ibnu. Francesco kien jahdem ma` FBS u baqa` jahdem hemm sakemm inghalaq il-*frozen foods department*. Huwa cahad illi ibnu ha xi impjegati ta` FBS mieghu peress li l-haddiema ta` dak id-dipartiment kienu nghataw is-sensja.

Kompla jixhed illi kien hemm okkazjonijiet fejn ohtu Louiana vvutat mieghu kontra Jean Paul fi hdan T & L. Bhala direttur, huwa jivvota fl-interess tal-kumpanija. T & L kienet iffurmata ferm qabel saret Globe Imports Limited. Cahad illi l-skop ta` missieru wara l-holqien ta` T & L kien li jzomm *block vote*

flimkien. Bhala stat ta` fatt, T & L ghadha sal-lum l-akbar *single shareholder* ta` FBS. Ikkonferma li sar investiment minn T & L ma` Jesmond Mizzi li ghalih iffirmaw it-tlett ahwa. Cahad li kien izomm lil hutu skarsi minn informazzjoni mehtiega.

Stqarr illi kien Jean Paul illi hadem fuq l-emenda ghall-*memorandum* u l-*articles of association* ta` FBS. Ikkonferma li kellu skambju ta` *emails* ma` huh dwar l-emendi proposti. Izda dak li kien qed jipproponi Jean Paul ma kienx accettabbli ghaliex kienu bidliet radikali. Kien qed jipproponi li kull familja mill-hamsa originali jkollhom dritt ikunu rapprezentati fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS. Kien hemm qbil fil-principju izda d-diffikulta` kienet tinsab fl-implimentazzjoni u relattivi komplikazzjonijiet. Ftehim baqa` ma ntlahaqx.

Cahad illi kien hemm rizoluzzjoni ta` T & L sabiex fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS jkun hemm zewg diretturi minn T & L. Jista` jkun li kien hemm rizoluzzjoni ta` T & L illi waqt id-diskussjoni dwar il-bdil ta` *memorandum* u *articles of association* ta` FBS, jkun hemm zewg rapprezentanti ta` T & L.

Qal illi meta huwa jilbes il-kappell ta` T & L huwa jirraprezenta lil T & L. L-istess jaghmel meta jkun qed jikkura l-interess ta` FBS. Kull meta hass li kien hemm konflitt, huwa astjena u gieli anke irtira mil-laqgha.

Insista li hutu kienu nfurmati bil-pozizzjoni li kienet qed tiehu Suzanne Busuttil. Sostna li T & L kienet qablet mal-proposta ta` Suzanne li ssir *forensic investigation* sabiex ikun mistharreg dak li kien qed isir minn certa direturi.xi diretturi.

Ippreciza illi qabel l-*email* tal-5 ta` Dicembru 2012, huwa kien diga` informa lil huh li kien ser jipproponi li Suzanne Busuttil titnehha minn direttur. Mill-agir ta` hutu, kien evidenti ghalih illi huma kienu qeghdin isostnu l-posizzjoni li hadet Suzanne..

**<u>Louiana Busuttil</u>** xehdet li T&L kienet iffurmata fl-1986. Hija direttur u azzjonista taghha bhaz-zewg hutha. Missierha Louis Busuttil ghamel il-kumpannija bhala mekkanizmu biex izomm l-ghaqda bejniethom. T & L m`ghandhiex investimenti ohra hlief l-ishma ta` FBS. L-ghadd tal-ishma taghha u taz-zewg hutha go T & L huwa l-istess. Kull wiehed huwa direttur u hemm *company secretary* li hija Av. Lorraine Conti li tiehu hsieb tghajjat il-laqghat. L-awdituri huma Deloitte.

Tghid li m`ghandhiex inkwiet ma` huha Franco. Kull haga li ghamlet min-naha taghha kien fl-ahjar interess ta` T&L.

Spjegat li x-xewqa ta` T & L hija li ma jkunx hemm glied u li ma jkunx hemm pendenzi fil-qrati.

Tghid illi ma ratx illi fl-ahjar interess tal-kumpannija li tkun involuta fil-kawza istitwita kontra l-kugina taghha Suzanne Busuttil.

Spjegat li l-laqghat ta` T & L isiru b`modi differenti li jiddependu mill-importanza. Laqghat isiru darba fis-sena. Id-decizjonijiet jittiehdu bejniethom it-tlett ahwa. Gieli huha Franco sejjah laqghat mil-lum ghal-lum. Fil-bidu kien hemm bzonn tat-tlett firem izda mbaghad kien deciz li ghal spejjez sa €20,000 ikun hemm bzonn ta` zewg firem. Aktar minn dak l-ammont kien mehtieg il-firma tat-tlieta.

Qalet illi Franco kien esprima x–xewqa li jirrizenja mill-bordijiet kollha b`effett immedjat izda hija opponiet u ghalhekk kien miftiehem zmien sabiex ikun hemm handing over. Ghal laqghat li saru wara, Franco ma attendiex u sussegwentement ittiehdet id-decizjoni fejn giet accettata r-rizenja tieghu.

Cahdet illi saru jew kienu qed isiru mizuri ta` oppressjoni fil-konfront ta` huhom Franco.

Billi Franco baqa` ma rrizenjax mill-bord ta` FBS, tghid illi T & L mhijiex rapprezentata minn hadd.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, hija spjegat illi ma kienx hemm cans biex tigi diskussa l-kwistjoni dwar jekk T & L kellhiex tinvolvi ruhha fil-kawza kontra Suzanne Busuttil. Kien avvicinata l-Hamis filghaxija u sat-Tnejn filghodu, il-kawza kienet prezentata. Wara li hadu parir legali, kien deciz illi jistennew u ma jinvolvux ruhhom. Franco kien tal-fehma li T & L kellha tkun parti fil-kawza.

Ikkonfermat illi in segwitu T & L ghamlet rikors biex tkun ikkjamata fil-kawza pendenti kontra Suzanne Busuttil. Qalet illi ma kenitx saret laqgha ohra biex jigi deciz li jigi pprezentat ir-rikors ghall-kjamata fil-kawza.

Sostniet li T & L ghamlet rizoluzzjoni li ma jivvutawx biex titkecca Suzanne izda Franco xorta vvota favur it-tkeccija ta` Suzanne kontra r-rizoluzzjoni ta` T & L.

Qalet illi d-decizjoni li T & L taghmel kawza kontra FBS ittiehdet waqt laqgha li ghaliha Franco ghazel li ma jattendix.

Sahqet illi dment illi Franco jibqa` jara l-interessi ta` T&L ma kellhiex problemi mieghu. Fir-realta` Franco ma kienx qed jara l-interess ta` T&L.

Qalet ukoll illi Franco ma kienx qed jaqbel maghhom illi kull wahda mill-hames familji originali ta` FBS ghandha jkollha dritt tappunta direttur fuq il-bord ta` FBS. Ghalija din hija prova li Franco ma kienx qed jigbed il-habel ta` T&L.

**Jean Paul Busuttil** xehed illi hu u ohtu ma nghatawx pre-avviz u opportunita` biex jiddiskutu ma` huthom Franco jekk ghandhomx jippartecipaw fil-kawza kontra Suzanne Busuttil. Kien miftiehem illi huwa kien ser ikun responsabbli ghall-immaniggjar tal-kawzi. Maz-zmien kien notat il-pregudizzju li kienet ser iggarrab T & L jekk tibqa` ma tippartecipax fil-kawza ; kien ghalhekk li ntalbet il-kjamata fil-kawza taghha.

Qal illi T & L dejjem sahqet li kull familja ghandha d-dritt li tappunta d-direttur taghha fuq il-bord anke jekk il-*memorandum* u *l-articles* kull ma jghidu huwa li d-direttur irid jigi appuntat minn fost il-membri.

Spjega li T & L titmexxa minn bord ta` diretturi u l-formalita` kollha tal-proceduri qeghda tigi rispettata.

T & L ma ghandhiex problemi b`mod generali, izda kellha problema attwali fis-sens illi ma kellhiex rappresentanza, u kien hemm riskju li ggarrab pregudizzju jekk Suzanne u Brian Busuttil ma jibqghu azzjonisti ta` FBS.

Fil-**kontroezami** huwa xehed illi huh Franco kien fattwalment irrizenja minn direttur ta` FBS u l-kumpanniji sussidjarji waqt laqgha tal-bord tad-diretturi ta` T & L.

Qal illi l-interess tieghu kien illi jhares id-dritt ta` T & L li tappunta direttur taghha. Huwa accetta li jiehu post Franco meta dan irrizenja.

Spjega li l-kawza li ghamlet T & L kontra FBS saret wara li FBS irrifjutat id-dritt ta` T & L li tappunta direttur fuq il-bord ta` FBS. Li kieku Franco ma tax ir-rizenja tieghu u baqa` direttur, ma kienx ikun hemm raguni ghalfejn issir il-kawza kontra FBS.

**III. L-Art 402(1) tal-Kap 386**

L-azzjoni tal-lum kienet promossa mis-socjeta` rikorrenti abbazi tal-**Art 402 tal-Kap 386**.

**L-ewwel (1) subinciz** tal-Art 402 jaqra hekk :–

*Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

Fil-Pag 970 ta` "**Principles of Maltese Company Law**" (MUP – 2007) Andrew Muscat jitfa` fuq ir-rikorrent il-piz tal-prova ta` l-att jew omissjoni li ghalih jirreferi s-subartikolu (1).

Ighid hekk :–

*This wording clearly suggests that the member* ***need only prove one effect*** *of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole).* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**'PA/GV)** tat-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et"** inghad hekk :–

*Illi* ***l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li… (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta' x'inhu oppressiv b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b'kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista' tintervjeni f'dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta' pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*... l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa' lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta' socjeta' kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita' li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta' li fiha huma jkollhom interess ...*

*... din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta' ekwita' aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista' jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta' partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista' jsofri, pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta' l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' possibilita' **("Vincent Monreal et v. Lino Delia noe"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju, 1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza in re **Bovey Hotel Ventures Ltd** [(1983) B.C.L.C. 290] li 'the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*... Fid-decizjoni **O'Neill v Phillips** moghtija mill-House of Lords fl-20 ta' Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta' dak li huwa 'fair'. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used ... The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed.*

IV. **L-eccezzjoni preliminari tal-intimati Bag Investments Co Ltd u Yan Company Limited**

Kien eccepit in linea preliminari illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma centrati fuq it-tmexxija tad-diretturi ta` T&L. Cio` nonostante d-diretturi ma gewx imharrka bhala intimati fil-kawza. L-intimati jikkontendu li mhumiex il-legittimi kontraditturi tar-rikorrenti billi huma biss azzjonisti ta` T&L u t-tmexxija ta` din mhijiex fdata fit-tmexxija taghhom, izda lill-bord tad-diretturi taghha.

Fil-pag 995 ta` **Principles of Maltese Company Law** (op. cit.) Andrew Muscat ighid :-

*The Companies Act does not specify the person or persons against whom an action under article 402 is to be brought. It does well not to do so. The reasons is that the choice of the defendant or defendants depends on the facts of the case and on the type of relief sought.*

*… the persons responsible for the conduct complained of would typically vary from the current or past majority shareholder to the managing director or the controlling directors acting on behalf of company. Control may also be vested in a shadow director, a provisional administrator, a liquidator, an official receiver and even the pledgee of shares in the company, who, in terms of the pledge agreement, may exercise the shareholder`s voting rights or appoints directors on the board.*

*Moreover, as will be noted in the following pages, the forms of relief that may be granted by the court are considerably wide-ranging; a court order could be issued against a number of persons, typically the company itself and one or more shareholders. In Joseph Calleja vs Vincent Calleja, an article 402 was filed only against one of the shareholders. The company itself was not a party. The defendant pleaded that the company itself were wrongly instituted, as the action had to be filed against the company and not against himself as a member. The Court, in a judgement in parte, considered article 402 to provide a flexible and equitable remedy and agreed with the applicant`s submissions that an article 402 action had to be instituted against the person or persons who were allegedly responsible for the wrongdoing and that the court`s order need not in all cases be issued against the company itself. The Court remarked that as the applicant`s allegations of wrongdoing were directed towards the defendant, it was clear that the defendant was a proper party to the proceedings. It also stated that the fact that the action was not also filed against the company did not nullify the proceedings.*

*… Given the fundamental principle of Maltese procedural law that no person can be bound by a court`s decision or judgement unless he is a party to the*

*relative proceedings, it is important for the complainant to carefully identify the person or persons against whom the action is to be filed.*

Azzjoni abbazi tal-Art 402 tista` ssir kontra kull min huwa allegatament responsabbli ghal agir lamentat mir-rikorrenti.

Din il-Qorti tqis illi l-ilmenti tar-rikorrenti jikkoncernaw decizjonijiet li ttiehdu minn Louiana u Jean Paul Busuttil, it-tnejn diretturi ta` T&L flimkien ma` Franco Busuttil.

Jidher illi decizjonijiet ittiehdu skont kif previst fil-*memorandum* u l-*articles of association* ta` l-kumpannija. Ladarba sar hekk, dawk id-decizjonijiet saru decizjonijiet ta` T&L. Ghalhekk tajjeb illi T&L hija parti fil-kawza.

Minn evalwazzjoni tal-provi prodotti, u wara li qieset is-sottomissjonijiet li ghamlu l-partijiet, jidher illi l-azzjoni ta` r-rikorrenti mhijiex diretta kontra d-diretturi *per se* izda trid tolqot lil T&L. Huwa evidenti mill-evidenza ta` Franco Busuttil illi, salvi rimedji sussidjarji, l-ghan ewlieni tar-rikorrenti huwa x-xoljiment ta` T&L.

In vista ta` l-premess, il-Qorti ma tarax illi ghall-validita` u ghas-sostenibbilita` tal-azzjoni, id-diretturi kellhom ikunu ta` bilfors parti fil-kawza tal-lum.

**L-eccezzjoni preliminari qeghda tkun <u>michuda</u>.**

## V. <u>Mertu</u>

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, ir-rikorrenti tikkontendi illi saret il-kawza abbazi ta` zewg ilmenti distinti :- (i) id-decizjoni ta` T & L li ma tippartecipax fl-istituzzjoni tal-kawza fl-ismijiet "*Joseph Busuttil et vs Suzanne Busuttil et*" (Rikors Nru 802/2014 JZM) ; u (ii) il-fatt li matul ix-xhur li pprecedew il-presentata tal-kawza tal-lum sehhew fatti u cirkostanzi fit-tmexxija ta` T & L li juru li T & L kienet qeghda titmexxa b`mod li qed issir hsara ghall-interessi taghha u ta` T & L.

### a) <u>L-ewwel ilment</u>

Irrizulta li T & L twaqqfet sabiex ikunu f`isimha l-ishma li kienu proprjeta` ta` Louis Busuttil wiehed mill-hamest ahwa subien li kienu l-azzjonisti originali ta` Francis Busuttil & Sons Limited. Kull wiehed mill-hamest ahwa subien kellu ishma ndaqs u allura kellu ghoxrin fil-mija (20%) tal-ishma. L-ishma li kellu Louis Busuttil marru go T & L u nqasmu ndaqs bejn it-tliet uliedu b`kull wiehed minnhom iqieghed l-ishma tieghu fl-isem ta` kumpannija fejn kull wiehed kellu l-kontroll.

Ghad illi T & L inghatat l-opportunita` sabiex tkun rikorrent ma` ohrajn fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM ittiehdet decizjoni illi T & L sabiex ma tkunx rikorrent fil-kawza. Sar hekk ghaliex fil-11 ta` Settembru 2014, erbat ijiem qabel kienet ipprezentata l-kawza - li kienu jinkludu *weekend* - Jean Paul Busuttil kien kontattat minn Joseph Busuttil dwar il-kawza meta kien imsiefer ; dik kienet decizjoni li ma setax jiehu wahdu Jean Paul Busuttil ghax ried jitkellem ma` hutu u wara tittiehed decizjoni. Meta mbaghad saret il-laqgha tal-bord tad-diretturi ta` T & L Holdings fit-23 ta` Settembru 2014, kien hemm opposizzjoni minn Jean Paul Busuttil u Louiana Busuttil sabiex T & L ma tippartecipax fil-kawza. Min-naha tieghu, Franco Busuttil kien konvint mill-htiega li T & L ghaliex fl-eventwalita` li l-kawza tmur favur ir-rikorrenti, kien hemm riskju li T & L tibqa` barra mill-pronunzjament li tista` taghmel il-qorti dwar l-ishma ta` ahwa Suzanne u Brian Busuttil.

Il-Qorti qieset l-argument tar-rikorrenti illi minkejja li Jean Paul Busuttil kien infurmat bl-eventwali presentata tal-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM fil-11 ta` Settembru 2014, baqa` ma sejjahx laqgha tal-bord ta` T & L hlief fit-23 ta` Settembru 2014, u dana kontra dak li solitament kien isir meta laqghat issejhu anke fi zmien qasir hafna.

Bhala kostatazzjoni oggettiva, il-Qorti tqis li tassew il-pre-avviz moghti kien fic-cirkostanzi qasir wisq tenut kont tas-serjeta` tal-mertu tal-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM. Huwa minnu li setghet issejhet laqgha tal-bord tad-diretturi ta` T & L qabel it-23 ta` Settembru 2014, pero` tajjeb jitqies ukoll illi anke li kieku l-bord iltaqa` qabel id-diretturi kellhom kull dritt illi qabel jesprimu ruhhom jiehdu mqar parir legali dwar l-ahjar interess ta` T & L u tal-azzjonisti taghha.

Sabiex tkompli tinsisti fuq l-apprezzament oggettiv tas-sitwazzjoni, il-Qorti kienet tistenna illi min haseb sabiex tkun promossa l-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM – kien min kien - kellu jaghti cans lil kull membru sabiex iqis il-posizzjoni tieghu, aktar milli jippromwovi l-azzjoni bhala <u>reazzjoni</u> ghal procedimenti ohra li kienu istitwiti minn ulied Anthony Busuttil.

Tajjeb jinghad ukoll illi Franco Busuttil kien konsapevoli li fl-ambitu tal-bord tad-diretturi ta` FBS kienet qeghda tinhema l-possibilita` li ssir il-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM, izda qatt ma ddiskuta dan fl-ambitu tal-bord tad-diretturi ta` T & L. Bhala fatt Franco Busuttil huwa attur fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM kemm fil-kwalita` personali tieghu kif ukoll bhala rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti.

Kienu x`kienu r-ragunijiet, il-Qorti ma tarax li T&L inghatat zmien bizzejjed qabel il-presentata tal-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM sabiex tqis bi hsieb l-implikazzjonijiet ta` decizjoni li kienet mistennija taghti. Li tkun kwazi kwazi presentata *con un fatto compiuto*, jista` jkun li kienet l-istrategija tal-promoturi tal-azzjoni biex ikunu jaf kulhadd fejn hu, u dan malajr, sabiex forsi tigi evitata dispersjoni ta` fehmiet anke wahda li jkunu konsultati avukati possibilment b`fehmiet diskordanti.

Il-Qorti taghti piz ukoll ghall-fatt illi minkejja l-presentata ta` l-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM, saret xorta wahda il-laqgha tal-bord ta` T&L fejn kien deciz illi T&L ma tkunx parti rikorrenti fl-istess kawza, wara parir legali tal-Prof Ian Refalo. Jidher ghalhekk illi t-tmexxija tal-affarijiet fi hdan T&L saret in konformita` ma` dak li provdut fil-*memorandum* u fl-*articles of association.*

Il-Qorti tqis ukoll li, fil-mori ta` din il-kawza, T & L kienet ikkjamata fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM, wara rikors li pprezentat T&L fl-20 ta` Novembru 2015, liema talba kienet milqugha b`digriet ta` din il-Qorti fit-12 ta` April 2016.

Kif kien inghad fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S C & Company Limited et**" (op. cit.) : "*il-Qorti ma ghandhiex tillimita l-formazzjoni tal-gudizzju taghha, ghal fatti jew cirkostanzi li jkunu sehhew sad-data tal-prezentata tar-rikors izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara, sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.*"

Inghad illi l-ewwel ilment tar-rikorrenti kien superat bil-kjamata fil-kawza ta` T&L fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM.

Jinsorgi l-kwesit jekk tassew bil-kjamata fil-kawza kenitx risolta l-posizzjoni in prospettiva ta` T&L fil-kuntest ta` dak li kien intalab fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM. Jinghad dan ghaliex ir-rikorrenti ghamlet l-argument illi kjamat fil-kawza huwa konvenut mentri l-ahjar interess ta` T&L kellu jkun dak ta` attur fl-istess kawza ghar-ragunijiet diga` riferiti.

Da parti tal-intimati Bag Investments Co Ltd u Yan Company Limited, inghad illi kieku T & L ippartecipat bhala ko-rikorrenti fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM, kien ser ikun hemm 80% tal-azzjonisti ta` FBS li pprezentaw il-kawza. Sostnew li kieku kellha tkun milqugha t-talba tar-rikorrenti f`dik il-kawza, il-kapital ta` FBS kien jinqasam fuq erba` cipep, fattur li jmur kontra l-istatut ta` FBS li fondat fuq hames cipep. Inghad ukoll li l-istatut ta` FBS jirrikjedi li rizoluzzjoni straordinarja tghaddi b`maggoranza ta` 66% tal-azzjonisti. B`xenarju gdid ta` erba` cipep ta` 25% tal-ishma ghal kull cippa, tinholoq sitwazzjoni fejn T & L jekk ma taqbilx mat-tlett azzjonisti l-ohra ma tkun fil-qaghda li topponi ghar-rieda taghhom. Kien ghalhekk tajjeb illi T&L tkun kjamata fil-kawza sabiex tissenjala lill-Qorti l-qaghda taghha fil-kaz li l-Qorti taghti ordni ghall-bejgh tal-ishma bhala rimedju fl-azzjoni Rik. Nru. 802/2014 JZM.

Ghalkemm anke din il-Qorti taccetta illi l-figura guridika ta` kjamat fil-kawza hija dik ta` konvenut (ara :- "**<u>Bank of Valletta plc vs Anna Calleja et</u>**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-8 ta` Jannar 2010 u "**<u>Wismayer et vs Wismayer et</u>**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-19 ta` Mejju 1995) madanakollu dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tiskarta l-fatt li T & L ghandha *pre-emption rights* fuq trasferimenti ta` ishma bejn l-azzjonisti ta` FBS. Lanqas ma ghandu jitwarrab illi fir-rigward tal-kwistjoni ta` danni pretizi fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM id-danni allegatament sofferti kienu fil-konfront ta` FBS mhux direttament tal-azzjonisti taghha. Huwa minnu wkoll li r-rikorrenti fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM qeghdin jitolbu wkoll il-bejgh tal-ishma ta` l-intimati favur taghhom. Pero` huwa risaput illi in kwantu jirrigwarda rimedji, fl-azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386 il-qorti tista` taghti rimedji diversi minn dawk mitluba.

Ghalhekk il-Qorti tghid illi bil-kjamata fil-kawza ta` T&L fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM ma kienx superat l-ewwel ilment tar-rikorrenti fil-kawza tal-lum.

Fuq nota finali dwar dan l-ilment, tenut kont tal-provvediment li tat illum din il-qorti fil-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM, irrizulta li l-ilment tar-rikorrenti ma ssarrafx fi pregudizzju ghal T&L peress li hemm it-talbiet tar-rikorrenti kienu respinti.

**b) <u>It-tieni ilment</u>**

Irrizulta li r-rikorrenti, Therese Busuttil, Bag Investments Co Ltd u Yan Company Limited huma azzjonisti ta` T&L. Ir-rikorrenti, Bag Investments Co Ltd u Yan Company Limited ghandhom kull wahda 500 sehem ordinarju A u 1000 sehem ordinarju B tal-valur ta` EUR 2,329373 kull sehem. Therese

Busuttil ghandha 1,500 sehem ordinarju A tal-valur ta` EUR 2,329373 kull sehem izda minghajr dritt ta` l-vot.

Ir-rikorrenti sostniet illi t-tmexxija ta` T & L hija essenzjalment maqsuma bejn it-tlett ahwa Busuttil : Jean Paul, Louiana u Franco : minkejja li apparti Therese Busuttil l-membri tas-socjeta` huma t-tliet socjetajiet. Ir-rikorrenti tghid illi mill-minuti tal-laqghat tal-bord tad-diretturi li saru bejn l-2013 u l-2015, jirrizulta li fil-kaz ta` diversi kwistjonijiet Jean Paul Busuttil u Louiana Busuttil jopponu b`mod sistematiku lil Franco Busuttil.

Ir-rikorrenti tilmenta illi mill-istess minuti tal-bord tad-diretturi jirrizulta li hemm agir manipulattiv u konsistenti minn Jean Paul u Louiana sabiex jippruvaw illi dejjem tghaddi taghhom.

Issemma li ghaddew rizoluzzjonijiet minhabba li zewg firmatarji huma bizzejjed u anke saru investimenti bla ma kien ikkonsultat Franco Busuttil.

L-unika evidenza li ngabet dwar din l-allegazzjoni tar-rikorrenti kienet kwistjoni li kienet tirrigwarda *Banking Mandate.*

Irrizulta li l-*banking mandate* ta` T&L jawtorizza zewg diretturi biex jiffirmaw biss sa limitu ta` EUR 20,000 ; fil-kaz ta` ammonti li jaqbzu dan il-limitu, kienet rikjesta l-firma tat-tliet diretturi (fol 55).

Fix-xiehda tieghu, Franco Busuttil stqarr illi ma kienx hemm investimenti li saru ad insaputa tieghu fi hdan T & L jew investimenti li ma kien qabel maghha.

Dwar li hutu z-zewg diretturi l-ohra dejjem jaqblu bejniethom, Franco Busuttil accetta fix-xiehda tieghu illi kien hemm okkazjonijiet fejn fi hdan T&L, ohtu Louiana vvutat mieghu kontra dak li kien qed jipproponi Jean Paul.

Sar l-ilment illi meta z-zewg diretturi jiddeciedu li jzommu laqgha tal-bord fi zmien qasir u mhux ragonevoli, dik il-laqgha tinzamm xorta, izda meta jkun hemm bzonn urgenti li ssir laqgha fi zmien qasir hafna (bhalma kien il-kaz dwar il-kawza Rik. Nru. 802/2014 JZM) hemm il-laqgha ma ssirx.

Madanakollu rrizulta mix-xiehda ta` Franco Busuttil illi fil-kors tannegozju huma kienu abitwati jzommu laqghat mill-lum ghal ghada minghajr

pre-avviz ragonevoli. Inoltre b`riferenza ghall-ilment tar-rikorrenti fejn saret laqgha fis-26 ta` Mejju 2015 u nghata biss pre-avviz qasir, irrizulta mix-xiehda ta` Louiana Busuttil illi li r-raguni ghal dak il-pre-avviz qasir kienet illi kienet waslet il-laqgha generali annwali ta` FBS u l-*financial statements* kienu waslu ghandhom ftit tal-jiem biss qabel.

Ir-rikorrenti tirreferi ukoll ghal cirkostanza fejn Franco Busuttil wera x-xewqa li jirrizenja minn direttur ta` FBS izda ghalkemm huwa qatt ma rrizenja formalment, saret pressjoni qawwija fuqu, kif ukoll illi T&L innominat lil Jean Paul bhala direttur fuq il-bord ta` FBS meta FBS insistiet li d-diretturi ta` FBS kellhom jigu nominati skont il-*memorandum* u l-*articles of association.*

Ir-rikorrenti nsistiet li Franco Busuttil qatt ma rrizenja formalment mill-bord ta` FBS izda kien biss esprima hsieb jew xewqa li jaghmel hekk. Hutu kien pronti hadu mizuri sabiex iwarrbuh.

Il-Qorti ma tirriskontrax l-estremi tal-Art 402(1) tal-Kap 386. Ittiehdet id-decizjoni li Jean Paul Busuttil ikun nominat minn T&L bhala direttur ta` FBS <u>wara</u> li Franco Busuttil esprima x-xewqa li ma jibqax direttur ta` FBS. Ma ssib xejn irregolari jew kontra l-interessi ta` T&L id-decizjoni li ha l-bord tad-diretturi li jmur ghan-nomina ta` Jean Paul Busuttil.

## VI. <u>Konsiderazzjoni finali</u>

Fil-konsiderazzjoni tal-ilmenti tar-rikorrenti, fil-kuntest tal-azzjoni skont l-Art 402(1), il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-hsieb wara l-kostituzzjoni ta` T&L minn Louis Busuttil kien illi l-ghoxrin fil-mija (20%) ta` l-ishma illi kellu ta` FBS jitpoggew *vita durante* fl-isem ta` T&L sabiex jevita preventivament il-frammentazzjoni tal-ishma wara l-mewt tieghu (ara x-xiehda bl-affidavit ta` Prof Ian Refalo a fol 490).

Li kieku l-Qorti kellha toqghod biss fuq ix-xiehda tat-tliet ahwa hija evidenti certa inkomprensjoni bejniethom. Minn qari tal-minuti tal-laqghat tal-bord tad-diretturi ta` T&L, jirrizulta illi fil-kondotta tal-laqghat u fid-decizjonijiet illi ttiehdu kienet segwita l-procedura stipulata. Il-fatt illi r-rikorrenti ma tridx tibqa` *in societa`* mas-socjetajiet intimati go T&L ma jaghtix lir-rikorrenti xi dritt *sine qua non* ghal rimedju skont l-Art 402(1).

Tqis ukoll illi llum T&L - bhala entita` wahda - ghandha piz azzjonarju notevoli fi FBS meta mqabbel mal-bqija tal-azzjonisti. Anke din hija

konsiderazzjoni li fil-kuntest ta` azzjoni skont l-Art 402(1) ghandha tqieghed l-interess tal-kumpannija qabel l-interess dirett tal-membru.

Il-Qorti tghid illi l-assjem tal-provi huwa nsufficjenti sabiex tiddeciedi favur it-talbiet tar-rikorrenti skont l-Art 402(1).

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi :-**

**Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati Bag Investments Co. Ltd. u Yan Company Limited.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati kollha.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez taghha u dawk tal-intimata T & L Holdings Limited.**

**Tordna lill-intimati Bag Investments Co. Ltd. u Yan Company Limited sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**